# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta’ nhar it-Tnejn, 5 ta’ Diċembru 2022**

**Talba Nru: 261/22 JG**
**Numru fuq il-lista: 1**

**Alexander [K.I. 380379M] u Dr. Stefania [K.I. 185184M] konjuġi Cardona**

**Vs**

**ReCoop the Restoration and Conservation Coop Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba tad-9 ta’ Settembru 2022 permezz ta’ liema l-atturi talbu li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjetá intimata sabiex tħallashom s-somma ta’ ħames t’elef Ewro rappreżentanti danni, kif aħjar deskritt fl-istess Avviż;

Ra lis-soċjetá konvenuta ġiet notifikata bl-Avviż tat-Talba, bid-digriet tal-Ewwel Appuntament, u bl-Avviż tas-seduta fil-14 ta’ Ottubru 2022[1];

[1] *Vide* timbru relattiv *a tergo* ta’ fol 7 tal-proċess.

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2022, fejn dehret d-difensur tas-soċjetá konvenuta u talbet li l-istess tingħata żmien sabiex tippreżenta risposta;

Ra l-oġġezzjoni magħmula mill-atturi;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet magħmula fl-istess seduta[2];

Ra l-atti kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi din hija sentenza dwar il-ġustifikazzjoni tan-nuqqas ta' risposta u dehra fiżika ta' rappreżentant tas-soċjetá konvenuta, fejn, tramite l-abbli difesnur legali tagħha intalab lis-soċjetà konvenuta titħalla tressaq risposta għal-preżenti litiġju.

Illi tajjeb jingħad li din id-deċiżjoni qiegħda tingħata fil-forma ta' sentenza, għaliex, għalkemm il-ġurisprudenza nostrana ma kinitx dejjem konkordi dwar l-għamla ta' kif għandha tkun deċiżjoni dwar purgazzjoni tal-kontumaċja, il-ġurisprudenza prevalenti tinklina lejn il-forma ta' sentenza u mhux digriet[3]. It-Tribunal iqis li m'għandux jiddipartixxi minn dan l-insenjament ta' Qrati ferm aktar ogħla minnu[4]. Huwa minnu li s-sistema ġudizzjarja tagħna ma tħaddanx il-

---

[2] Liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta hekk kif ordnat. Din tinsab a fol 10 *et seq* tal-proċess.

[3] Fost diversi, t-Tribunal jissenjala s-sentenzi fl-ismijiet **<u>Robert Bondin Carter vs Frank Zahra,</u>** (Rik Ġur Nru: 716/2016) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-24 ta' Jannar 2017 u **<u>HSBC Bank Malta p.l.c vs Standard Chartered Bank Limited,</u>** (App Ċiv Nru: 365/16) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar id-19 ta' Lulju 2019.

[4] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Dr. Vladimir Formosa vs Direttur tas-Sigurtá Soċjali,</u>** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-4 ta' Mejju 1992 fejn awtorevolment intqal hekk: *"Issa fis-sistema ġudizzjarja nostrana hu paċifiku li ma jeżistix dak li fis-sisema ta' "common law" hu magħruf bħala "the law of precedent" kif lanqas jeżisti l-kunċett parallel ta' "stare decisis". Però, kif ġie stabbilit minn din il-Qorti fi Strickland vs Hunter (Vol. XXX-1-446) li hu l-'leading case' f'din il-materja, dan ma jfissirx li fi Qrati ta'*

prinċipju Anglo-Sassonu tal-*law of precedent* u dak parallel ta' *stare decisis,* iżda dan ma jfissirx li mbagħad m'għandux jingħata effett għall-massima *auctoritas rerum (perpetuo) similiter iudicatarum*[5].

Illi lura għall-episodju odjern, kif diġa ngħad diversi drabi, dan it-Tribunal huwa regolat b'liġi speċjali. Minn qari tal-istess, jirriżulta li huma tnejn ir-regoli kardinali li għandhom jiġu segwiti. L-ewwel regola hija dik kontenuta fir-regolament 4(2) tal-Liġi Sussidjarja 380.01 tal-Liġijiet ta' Malta[6]. It-tieni regola hija dik li temerġi mill-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta[7]. Din ir-regola trid l-presenza tal-konvenut fl-ewwel seduta.

---

*Prim' Istanza teżisti anarkija assoluta f'dik li hi interpretazzjoni u applikazzjoni tal-liġi fis-sens li kull Qorti tista' hekk sic et simpliciter, tapplika l-liġi kif jidhrilha meta diġa jkun hemm pronunzjament awtorevoli ta' din il-Qorti. Huwa paċifiku li l-Qrati Superjuri ta' Prim' Istanza għalkemm teoretikament mhux marbuta ma' dak li jiġi deċiż għal dak li hija liġi minn din il-Qorti, għandhom iħarsu lejn dak li jkun ġie deċiż minnha bl-ikbar rispett u rigward u għandhom jiddipartixxu mill-posizzjoni li tkun ħadet din il-Qorti f'każijiet rari fejn ikollhom motivazzjonijiet serji u ġodda li għandhom jiġu indikati fis-sentenzi li jagħtu."* Preċedentement, il-Qorti tal-Appelli Kriminali kienet ukoll ssenjalat (propju b'rimarka għal deċiż fil-kawża Strickland vs Hunter) hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Vigo,** tad-19 ta' Mejju 1956: *"Hi ċara l-ispedjenza tal-osservanza ta' dan il-prinċipju, għax diversament din il-kwistjoni tista' terġa tiġi sollevata f'kull kawża, u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun serjament intralċjata;"*

[5][5] "*Awtorità dei preċedenti giudicati (da sempre) allo stesso modo"* – Brocard 586, **Dizionario Dei Termini Giuridici e Dei Brocardi Latini**, Edoardo Mori, VII ediz, 2011, a fol 68. Bħala senjalatika ġurisprudenzjali dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ignatius Debono *et* vs Direttur tal-Artijiet,** (App Ċiv Nru: 41/2007/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-26 ta' Novembru 2020 fejn intqal hekk: *"In kwantu ghall-principju ta' stare decisis citat mir-rikorrenti appellanti, huwa ritenut opportun li jigi puntwalizzat, illi ghalkemm il-qrati taghna jfittxu l-konsistenza u uniformita` fil-principji enuncjati minnhom, mhumiex marbuta bil-principju ta' stare decisis. L-ordinament ġuridiku taghna ma japplikax il-principju ta' stare decisis (binding precedent), kwindi l-Qrati taghna mhumiex marbuta ma' dak deciz fis-sentenzi hawn qabel citati u huma liberi li jiddipartixxu mir-ragunament imfassla f'dawk id-decizjonijiet, jekk huma tal-fehma illi l-istess ma hijiex legalment b'sahhitha. Dan ma jfissirx illi l-principju auctoritas rerum similiter iudicatarum ghandu jigi mwarrab lanqas."*

[6] Dan jgħid hekk: "*konvenut għandu jippreżenta r-risposta tiegħu għat-talba fi żmien tmintax-il jum mid-data meta jkun ġie notifikat bl-avviż tat-talba".*

[7] Dan jgħid hekk: *jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu mutatis mutandis.*

Illi jirriżulta lis-soċjetá konvenuta kienet karenti miż-żewġ aspetti. Għandu jkun illum indubitat li l-istitut ta' kontumaċja jgħodd b'mod sħiħ għall-proċeduri quddiem it-Tribunal[8]. Dan it-Tribunal kellu diversi okkażjonijiet jitkellem dwar din it-tematika u qiegħed jerġa jsegwi dak preċedentement deċiż[9].

Illi r-raġuni għan-nuqqasijiet tas-soċjetá konvenuta huma dak reġistrati waqt l-udjenza tat-3 ta' Novembru 2022. Hija tgħid lid-direttur tagħha ma setax jieħu ħsieb kemm li jkellem avukat b'mod tempistiv jew li jidher għal dik is-seduta minħabba problemi mediċi ta' membru tal-familja tiegħu.

Illi filwaqt li dan it-Tribunal jista jissimpatizza ma dan, xorta jibqa l-fatt li dan ma jistax jissana n-nuqqasijiet tas-soċjetá konvenuta. Id-difensur legali tas-soċjetá konvenuta hi stess tgħid li l-patroċinat tagħha kellimha biss jumejn qabel l-ewwel seduta, meta din kienet ilha notifikata mill-14 ta' Ottubru 2022. Ta' dan in-nuqqas taħti biss is-soċjetá konvenuta. Huwa ċert li bejn in-notifika tal-Avviż u l-ewwel seduta (dsatax il-ġurnata), s-soċjetá konvenuta, bil-mezzi kollha disponibbli llum, setgħet għarrfet lid-difensur tagħha ferm qabel u tħejji d-difiża tagħha b'mod formali.

Illi huwa ben magħruf u aċċettat li biex il-kontumaċja titqies ġustifikabbli, din tal-aħħar trid tkun bdiet minn raġuni fl-impediment leġittimu tal-konvenut[10].

---

[8] Wieħed huwa mistieden jara fost diversi dak li seħħ fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020.

[9] F'dan is-sens, fost diversi, issir referenza għal dak li ġie deċiż fid-digriet fl-ismijiet **Albert Pullicino et vs Carmel Pullicino**,(Tlb numru: 252/2020) mogħti minn dan it-Tribunal diversament presedut fil-15 ta' Lulju 2021. Fuq Bl-istess mod issir referenza għas-sentenza preliminari fl-ismijiet **Margal Limited vs Eucharist Bajada** (Tlb Nru: 64/2018) mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presedut nhar il-5 ta' Frar 2019. Ukoll issir referenza għal dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Wembley Crane Hire Limited vs Sergio Gauci,** (Tlb Nru: 3/2012) mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presedut fis-6 ta' Marzu 2012.

[10] Għal rakkolta dwar il-prinċipji l-aktar prevalenti dwar din it-tematika, t-Tribunal jissenjala s-sentenza fl-ismijiet **Simone Eve Collett Sammut *et* vs Adam Sammut *et***, (Ċit Nru:

Illi li kieku s-soċjetá konvenuta ressqet r-risposta sa l-ewwel dehra u mbagħad talbet li din tinżamm fl-atti, t-Tribunal kien jimxi mod ieħor[11]. Madanakollu dan m'huwiex il-każ tal-lum, għaliex b'negliġenza tas-soċjetá konvenuta (tagħha biss u ċertament mhux tad-difensur tagħha), hija kienet karenti miż-żewġ aspetti u t-Tribunal m'huwiex sodisfatt mir-raġuni li ngabet għal-ġustifikazzjoni tal-istess. L-impediment għandu jkun wieħed fiżiku u eċċezzjonalment biss jista jkun wieħed morali[12].

Illi finalment, jekk hekk hemm ħtieġa, jerġa jiġi senjalat li l-kontumaċja ma tistax, u ċertament minn dan it-Tribunal kif presjedut m'hijiex sejra, titqies bħala ammissjoni[13]. Anzi, jingħad minn issa, li t-Tribunal, fl-aħħar ta' dan il-litiġju,

---

1047/2014) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Marzu 2015. Issir referenza wkoll għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Calleja *et* vs Middleasea Valletta Life Assurance Co. Ltd,** (App Ċiv Nru: 126/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-28 ta' Jannar 2005.

[11] Wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2018, fil-proċeduri fl-ismijiet **Joseph Caruana vs Briffa Al Girbi Nathalie et**,( Tlb Nru: 297/2018) li kienu pendenti quddiem dan it-Tribunal diversament presedut u li ġew ċeduti fit-18 ta' Settembru 2019.

[12] F'dan ir-rigward, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Vella vs Mapfre MSV Life p.l.c,** (App Ċiv Nru: 34/2018) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-25 ta' Marzu 2019, fejn ċitat b'approvazzjoni sentenza preċedenti fl-ismijiet **Dr. Aaron Galea Cavallazzi *noe* vs Asfaltar Limited,** (Ċit Nru: 284/2014) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, nhar it-23 ta' Lulju 2014, ċioé li: *"Il-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex ġustifikabbli o meno, ġew mfissra u elenkati għadd ta' drabi fil-ġurisprudenza. Dawn huma: '(a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieg li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għassudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha irid ikun dik li bnadi oħra ssejħet bħala una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (ħ) li limpossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika, u eċċezzjonalment biss, waħda morali;'*

[13] Fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak li ddeċieda dan it-Tribunal, fil-kontumaċja tal-konvenuti, fis-sentenza fl-ismijiet **Montaldo Insurance Agency Limited *et* vs Leon Grech *et*,** (Talba Nru: 298/2010) mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2022.

sejjer jagħti effett lil dak li jrid l-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, propju għaliex dehret d-difensur tas-soċjetá konvenuta fl-ewwel udjenza[14].

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiċħad it-talba tas-soċjetá konvenuta hekk kif formulata fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2022 u qiegħed għalhekk jiddikjara li l-istess soċjetá waqgħet fi stat ta' kontumaċja.

Spejjeż ta' dan l-episodju riżervati għal-ġudizzju finali.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[14] Dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed huwa mistieden jara r-raġunament magħmul mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza flismijiet **Lombard Bank Malta p.l.c. (C-1607) vs. Venues Company Limited,**(App Ċiv Nru: 229/14LSO) mogħtija nhar it-22 ta' Ottubru 2019. Dwar dan, wieħed huwa wkoll mistieden jara kif mexa dan it-Tribunal fil-proċeduri fl-ismijiet **Anthony Baldwin *et* vs Shane Marchant,** (Tlb Nru: 335/2019) mogħtija nhar il-1 ta' Marzu 2021 (mhux appellata).